

# DEFINIZZJONIJIET LEĠIŻLATTIVI MADWAR IL-ĦTIĠIJIET TAL-ISTUDENTI

## GĦOTI TA' INFORMAZZJONI DWAR IL-POLITIKA

Il-ħidma tal-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva (l-Aġenzija) issostni l-iżvilupp ta' sistemi tal-edukazzjoni inklużivi biex tiżgura d-dritt ta' **kull** studenti għal opportunitajiet edukattivi inklużivi u ekwitabbli (**Aġenzija Ewropea, 2016**).

Il-ħidma tal-Aġenzija tirrikonoxxi li kull studenti għandu l-esperjenzi uniċi tiegħu ta' diskriminazzjoni u/jew ostakli għat-tagħlim. L-aspetti kollha tal-ħidma tal-Aġenzija għandhom l-għan li jqisu kollox u kwalunkwe ħaġa li tista' timmarġinalizza lill-istudenti u żżid ir-riskju ta' esklużjoni tagħhom (**Aġenzija Ewropea, 2021a**).

F'konformità ma' dan l-impenn, l-attività **Legislative Definitions around Learners Vulnerable to Exclusion** [Definizzjonijiet Leġiżlattivi madwar Studenti Vulnerabbli għall-Esklużjoni] iffukat fuq il-ġbir u l-analiżi ta' informazzjoni dwar id-definizzjonijiet legali u d-deskrizzjonijiet użati fil-pajjiżi membri tal-Aġenzija. Kien hemm fokus partikolari fuq id-definizzjonijiet leġiżlattivi u d-deskrizzjonijiet madwar viżjoni wiesgħa tal-edukazzjoni inklużiva għall-**istudenti kollha**.

B'mod speċifiku, din l-attività eżaminat kif il-pajjiżi membri tal-Aġenzija jiddefinixxu legalment u jiddeskrivu l-ħtiġijiet tal-istudenti f'termini ta' jekk jikkunsidrawhomx bħala gruppi ta' **studenti bi bżonnijiet speċjali** jew **studenti vulnerabbli għall-esklużjoni**. Din qieset ukoll kif il-**leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni** u **l-leġiżlazzjoni għal edukazzjoni inklużiva** jiddefinixxu u/jew jiddeskrivu l-ħtiġijiet tal-istudenti, u esplorat il-kunċett ta' **intersezzjonalità**.

Inġabret evidenza minn 35 pajjiż membru tal-Aġenzija.

Għal aktar informazzjoni, ara r-rapport sħiħ, *Legislative Definitions around Learners' Needs: A snapshot of European country approaches [Definizzjonijiet Leġiżlattivi madwar il-Ħtiġijiet tal-Istudenti: Ħarsa ġenerali lejn l-approċċi tal-pajjiżi Ewropej]* (**Aġenzija Ewropea, 2022a**), u ż-**żona web tad-Definizzjonijiet Leġiżlattivi**.

## Approċċi differenti biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-istudenti f'sistemi ta' edukazzjoni inklużiva

Sa minn meta ġiet stabbilita l-Aġenzija fl-1996, kien hemm bidliet kunċettwali ewlenin fil-ħsieb wara u l-prijoritajiet politiċi tal-pajjiżi għall-edukazzjoni inklużiva (**Aġenzija Ewropea, 2022b**). Madwar il-pajjiżi Ewropej, id-dibattitu dwar l-iżvilupp ta' sistemi edukattivi li huma ekwitabbli għall-istudenti kollha ċċaqlaq mill-"**integrazzjoni**" (il-mainstreaming tal-istudenti bi bżonnijiet edukattivi speċjali), għall-"**inklużjoni**" (b'fokus ikbar fuq "opportunitajiet tat-tagħlim" għall-istudenti kollha), għall-fehma usa' u aktar kurrenti tal-**edukazzjoni inklużiva** bħala edukazzjoni ekwitabbli u ta' kwalità għolja għall-istudenti kollha (ibid.).

Iċ-ċaqliq minn approċċ kategoriku, mirfud minn mudell mediku fl-edukazzjoni għall-bżonnijiet speċjali, lejn fehma aktar normattiva, iffukata fuq id-drittijiet ta' kull student irrispettivament miċ-ċirkostanzi tagħhom, jeħtieġ bidla fil-ħsieb u l-kultura edukattiva. F'sistema tal-edukazzjoni li għandha l-għan li tkun ekwitabbli għall-istudenti kollha, il-fokus fuq il-kategoriji ta' studenti u s-sostenn individwali (**approċċ kategoriku**) jeħtieġ li jinbidel għal fokus fuq iż-żieda tal-kapaċità tal-iskejjel biex iwieġbu għall-ħtiġijiet differenti tal-istudenti kollha (**approċċ ibbażat fuq id-drittijiet**) (ibid.).

L-iżviluppi fil-ħsieb madwar l-edukazzjoni inklużiva bħala approċċ lejn edukazzjoni ta' kwalità għolja għall-**istudenti kollha** (**l-Aġenzija Ewropea, 2021b**) wasslu għal diskussjonijiet madwar in-neċessità li jiġu identifikati l-ħtiġijiet tal-istudenti mingħajr l-użu ta' tikketti (b'mod partikolari, tikketti bbażati fuq mudelli mediċi jew ta' nuqqasijiet). Il-pajjiżi kollha attwalment qed jiffaċċjaw il-problema tal-formulazzjoni tal-leġiżlazzjoni u l-politika tagħhom sabiex dawn ikollhom l-għan ċar li jiżguraw il-parteċipazzjoni sħiħa ta' u jgħollu s-suċċess għall-istudenti kollha filwaqt li jevitaw l-illejbiljar ta' individwi jew gruppi ta' studenti. Id-dilemma ta' jekk jużawx jew le tikketti differenti hija evidenti fil-leġiżlazzjoni u d-dokumenti ta' politika tal-pajjiżi, l-istrateġiji u l-pjanijiet ta' implimentazzjoni, u l-attivitajiet tagħhom ta' monitoraġġ u ġbir tad-data.

F'din l-attività, it-terminu "**ħtiġijiet tal-istudenti**" huwa mifhum bħala mod kif jiġi enfasizzat bżonn għal proviżjoni u/jew appoġġ edukattiv mingħajr l-applikazzjoni ta' tikketta bbażata fuq fattur estern li b'xi mod tiddeskrivi jew għandha impatt fuq individwu jew grupp ta' studenti. L-użu tat-terminu mhux kategoriku "ħtiġijiet tal-istudenti" kieku jkun approċċ **ideali** li l-pajjiżi jistgħu jieħdu u huwa f'konformità mal-pożizzjoni tal-Aġenzija dwar sistemi ta' edukazzjoni inklużiva (**Aġenzija Ewropea, 2022c**).

Ir-**realtà** – kif evidenzjat mill-analiżi tad-definizzjonijiet leġiżlattivi jew id-deskrizzjonijiet fil-politika tal-pajjiżi madwar il-ħtiġijiet tal-istudenti – tindika b'mod ċar li l-leġiżlazzjoni u d-dokumenti ta' politika jiddeskrivu l-ħtiġijiet tal-istudenti jiffokaw inqas fuq il-bżonnijiet tal-istudent għal proviżjon u sostenn, u aktar fuq tikketti ġġenerati esternament li jidentifikaw gruppi ta' karatteristiċi tal-istudenti. Din l-attività tuża t-termini "**kategoriji ta' gruppi ta' studenti**" u "**gruppi ta' studenti**". Dawn jirreferu għall-gruppi ta' studenti identifikati permezz tal-analiżi mwettqa f'din l-attività.

Is-sommarju tar-riżultati hawn taħt jelenka l-għadd ta' pajjiżi li għalihom tapplika l-informazzjoni, minn għadd totali ta' 35.

## Id-definizzjonijiet leġiżlattivi jew id-deskrizzjonijiet fil-politika relatati mal-istudenti bi bżonnijiet speċjali

Fil-politika u l-leġiżlazzjoni li jindirizzaw studenti bi bżonnijiet speċjali, il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi (32) jużaw it-tikketta ta' **studenti b'diżabilità, bżonnijiet speċjali u diffikultajiet fit-tagħlim**. Xi pajjiżi jirreferu għal **diffikultajiet soċjoemozzjonali** (14), **minoranzi nazzjonali u diversità kulturali** (8) jew **sfond ta' żvantaġġ soċjoekonomiku** (7). Huma biss ftit il-pajjiżi li jinkludu kategoriji li jindirizzaw lil studenti li huma **migranti, refuġjati u li għadhom jaslu** (5), għandhom **kwistjonijiet relatati mal-età** (4), għandhom **esperjenza ta' kriżi jew trawma** (2), jinsabu **barra mill-edukazzjoni** (2), juru **mġiba delinkwenti jew kriminali** (2) jew **li jgħixu f'żoni mbiegħda, rurali jew żvantaġġjati** (1).

Fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi, il-leġiżlazzjoni u l-politika relatati mal-bżonnijiet speċjali jieħdu approċċ kategoriku, mirfud minn mudell mediku, għall-illejbiljar tal-ħtiġijiet tal-istudenti.

## Id-definizzjonijiet leġiżlattivi jew id-deskrizzjonijiet fil-politika relatati mal-istudenti vulnerabbli għall-esklużjoni

Fil-politika u l-leġiżlazzjoni li jindirizzaw l-istudenti vulnerabbli għall-esklużjoni, il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi jużaw it-tikketti **studenti b'diżabilità, bżonnijiet speċjali u diffikultajiet fit-tagħlim** (24) jew **sfond ta' żvantaġġ soċjoekonomiku** (23). Xi pajjiżi jirreferu għal **minoranzi nazzjonali u diversità kulturali** (16), **migranti, refuġjati u dawk għadhom jaslu** (16) jew **barra mill-edukazzjoni** (9). Huma biss ftit pajjiżi li jinkludu tikketti li jindirizzaw **esperjenza ta' kriżi jew trawma** (6), **kwistjonijiet relatati mal-età** (4), **dipendenza u abbuż ta' sustanzi** (4), **li jgħixu f'żoni mbiegħda, rurali jew żvantaġġjati** (4) jew **diffikultajiet soċjoemozzjonali** (4).

Filwaqt li dawn huma ppreżentati bħala kategoriji distinti ta' ħtiġijiet tal-istudenti, l Aġenzija tirrikonoxxi li, fuq livell individwali, dawn il-grupp differenti probabbilment jikkoinċidu.

L-approċċ kategoriku lejn l-illejbiljar ta' gruppi ta' studenti li huma vulnerabbli għall-esklużjoni huwa prevalenti daqs l-approċċ ibbażat fuq id-drittijiet, li jiffoka fuq iċ-ċirkostanzi tal-istudenti bi sfondi ta' żvantaġġ soċjoekonomiku. Dan juri li l-pajjiżi qed jużaw approċċi kategoriċi (gruppi), iżda li hemm moviment 'il bogħod minn mudell purament mediku (tikketti madwar id-diżabilitajiet u bżonnijiet edukattivi speċjali) meta jitqiesu studenti li huma vulnerabbli għall-esklużjoni.

## Il-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni

Il-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni fil-pajjiżi membri tal-Aġenzija tiffoka l-aktar fuq studenti b'**diżabilità, bżonnijiet speċjali u diffikultajiet fit-tagħlim** (22), il-**minoranzi nazzjonali u d-diversità kulturali** (20) u l-**ġeneru, l-identità tal-ġeneru, l-LGBTQI+ (persuni lesbjani, omosesswali, bisesswali, transġeneri, queer/li għadhom qed jidentifikaw ruħhom, intersesswali) jew kwistjonijiet relatati mal-ġeneru** (16).

Inqas pajjiżi pprovdew data dwar il-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni, għalkemm il-biċċa l-kbira għandhom liġijiet fis-seħħ. Il-pajjiżi membri kollha tal-Aġenzija rratifikaw il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (**CRPD**). Il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi ffirmaw il-Protokoll Fakultattiv għas-CRPD, li jistabbilixxi mekkaniżmu għal ilmenti individwali għal dawk li jħossu li d-drittijiet tagħhom taħt is-CRPD ġew miċħuda.

Il-leġiżlazzjoni u l-politika kontra d-diskriminazzjoni jeżistu fil-pajjiżi membri kollha tal-Aġenzija, li jissuġġerixxi li, b'mod ġenerali, il-pajjiżi kollha huma impenjati lejn approċċ ibbażat fuq id-drittijiet. Mhuwiex ċar kemm il-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni hija meqjusa bis-saħħa fi ħdan il-qasam tal-edukazzjoni.

## Il-leġiżlazzjoni jew il-politika għal edukazzjoni inklużiva

L-awtoasessjar mill-pajjiżi membri tal-Aġenzija jindika li d-definizzjonijiet leġiżlattivi jew id-deskrizzjonijiet fil-politika tal-edukazzjoni inklużiva huma distribwiti kważi ugwalment fost dawk li jindirizzaw **gruppi ta' studenti speċifiċi, l-istudenti kollha** jew **kemm l-istudenti kollha kif ukoll gruppi ta' studenti partikolari**.

Analiżi tat-terminoloġija fl-evidenza pprovduta turi li 18-il pajjiż jinkludu terminoloġija madwar l-edukazzjoni inklużiva, bħal **l-istudenti kollha**, **opportunitajiet indaqs** jew **diversità**, fid-definizzjonijiet leġiżlattivi jew id-deskrizzjonijiet fil-politika tagħhom.

Inqas pajjiżi (12) jsemmu gruppi ta' studenti speċifiċi fid-definizzjonijiet leġiżlattivi jew id-deskrizzjonijiet fil-politika tagħhom tal-edukazzjoni inklużiva. Għal dawk li jagħmlu dan, dawk imsemmija l-aktar komunement huma **studenti b'diżabilità, bżonnijiet speċjali u diffikultajiet fit-tagħlim**.

Bejn u fi ħdan il-pajjiżi, id-definizzjonijiet leġiżlattivi jew id-deskrizzjonijiet fil-politika madwar l-edukazzjoni inklużiva jinkludu kemm approċċ kategoriku kif ukoll dak ibbażat fuq id-drittijiet. Xi pajjiżi ma jillejbiljawx gruppi ta' studenti speċifiċi fid-definizzjonijiet tagħhom tal-edukazzjoni inklużiva.

## Il-leġiżlazzjoni jew il-politika li tqis kwistjonijiet dwar l-intersezzjonalità

Il-ġbir tad-data f'dan il-qasam investiga jekk il-leġiżlazzjoni jew il-politika qatt isemmux l-intersezzjonalità. Huma biss sitt pajjiżi li ddikjaraw li l-leġiżlazzjoni jew il-politika tagħhom tirreferi għall-intersezzjonalità. Għalkemm ħamsa mis-sitt pajjiżi pprovdew dettalji u referenzi, ma kienx hemm biżżejjed informazzjoni biex jiġi identifikat kwalunkwe approċċ ġenerali tal-pajjiż.

Ftit huma l-pajjiżi li jsemmu l-intersezzjonalità fil-leġiżlazzjoni jew il-politika tagħhom. Dan jista' jindika li dan għadu kunċett relattivament ġdid li qed jiġi diskuss fil-pajjiżi differenti, iżda li għadu mhux evidenzjat fil-leġiżlazzjoni jew fil-politika.

## Ħarsa ġenerali tad-definizzjonijiet leġiżlattivi jew tad-deskrizzjonijiet fil-politika madwar il-ħtiġijiet tal-istudenti fil-pajjiżi Ewropej

Din l-attività tagħti biss ħarsa ġenerali tal-pożizzjoni attwali tal-pajjiżi membri tal-Aġenzija fl-approċċi leġiżlattivi tagħhom lejn gruppi ta' studenti u l-fatturi ta' riskju li jistgħu jaffettwaw l-opportunitajiet tat-tagħlim. Għaldaqstant, mhux possibbli li jsiru kummenti dwar ix-"xejriet" fl-approċċi. Madanakollu, hemm xi karatteristiċi komuni fil-pajjiżi li huma rilevanti għall-attivitajiet futuri tal-Aġenzija mal-pajjiżi membri.

Il-bar chart li ġejja tagħti fil-qosor ir-riżultati tal-analiżi ppreżentati hawn fuq. Din turi kif ħafna pajjiżi identifikaw jew iddeskrivew gruppi ta' studenti fil-leġiżlazzjoni jew fil-politika tagħhom madwar studenti bi bżonnijiet speċjali u studenti vulnerabbli għall-esklużjoni, kif ukoll fil-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni u l-leġiżlazzjoni/politika għal edukazzjoni inklużiva.



## L-għadd ta’ pajjiżi li fihom ġew identifikati jew deskritti gruppi ta’ studenti fl-oqsma differenti tal-leġiżlazzjoni u l-politika



# Messaġġi Ewlenin

Fuq il-bażi tas-sejbiet tal-attività, ġew identifikati l-messaġġi ewlenin li ġejjin relatati mad-definizzjonijiet leġiżlattivi jew id-deskrizzjonijiet fil-politika madwar il-ħtiġijiet tal-istudenti fil-pajjiżi Ewropej:

- Il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi jużaw **approċċ kategoriku** li jqis lill-istudenti bħala li għandhom nuqqasijiet li jeħtieġu miżuri kompensatorji fil-proviżjon. Fl-istess ħin, il-pajjiżi qed jibnu l-kapaċità tas-sistemi tal-edukazzjoni tagħhom biex jindirizzaw u jinkludu l-istudenti kollha.

- Il-pajjiżi qed jiċċaqalqu 'l bogħod minn approċċi kategoriċi mirfuda minn mudelli mediċi, lejn tipi oħra ta' approċċi kategoriċi li jqisu fatturi usa' soċjali jew ċirkostanzjali.

- L-edukazzjoni inklużiva ħafna drabi tiġi interpretata bħala li hija mmirata speċifikament lejn studenti b'diżabilità u/jew bżonnijiet speċjali, minflok li tipprovdi għall-**istudenti kollha**, bil-bżonnijiet kollha differenti u individwali tagħhom, billi tidentifika u tneħħi l-ostakli għat-tagħlim. Dawn jistgħu jinkludu l-ostakli potenzjali legali li jonqsu milli jindirizzaw id-diskriminazzjoni u milli jiżguraw il-parteċipazzjoni sħiħa tal-istudenti kollha, kif deskritt fil-konvenzjonijiet internazzjonali.

- Fokus fuq il-ħtiġijiet tal-istudenti b'mod ġenerali, u mhux fuq l-illejbiljar ta' gruppi ta' studenti, jindika ċaqliq lejn **approċċ ibbażat fuq id-drittijiet**.

Il-politika u l-attivitajiet ta' prattika tal-edukazzjoni inklużiva li jużaw l-illejbiljar u terminoloġija marbuta mal-bżonnijiet speċjali mirfuda minn approċċ mediku, bi proviżjon separat għal gruppi differenti, mhumiex konformi mal-approċċ ibbażat fuq id-drittijiet lejn is-sistemi ta' edukazzjoni inklużiva, li jiffoka fuq l-ostakli fis-sistema (**Aġenzija Ewropea, 2022b**).

It-terminoloġija marbuta mal-bżonnijiet edukattivi speċjali li hija mirfuda minn approċċ mediku tista' potenzjalment tippromwovi approċċ kategoriku lejn l-illejbiljar tal-istudenti. L-alternattiva hija li jkun hemm fokus fuq il-karatteristiċi tas-sistemi ta' edukazzjoni inklużiva li jibnu l-kapaċità biex jiġi żgurat b'mod aktar effettiv li d-drittijiet tal-istudenti kollha għal edukazzjoni inklużiva jiġu sodisfatti.

It-terminu "**studenti vulnerabbli għal esklużjoni**" jkopri l-firxa l-aktar wiesgħa ta' gruppi differenti ta' studenti u l-fatturi kollha li jista' jkollhom effett negattiv fuq l-opportunitajiet ta' tagħlim tagħhom. Dan jinkludi l-viżjoni wiesgħa u l-approċċ ibbażat fuq id-drittijiet li l-istudenti kollha jiġu inklużi fl-edukazzjoni inklużiva.

L-użu tat-terminu "**studenti vulnerabbli għal esklużjoni**" bħala l-fokus tal-attivitajiet kollha fil-pajjiżi membri tal-Aġenzija se jsostni l-iżvilupp tal-politika lejn viżjoni wiesgħa tal-inklużjoni mirfuda minn approċċ ibbażat fuq id-drittijiet. Dan huwa allinjat mal-pożizzjoni tal-Aġenzija dwar sistemi ta' edukazzjoni inklużiva.

EUROPEAN AGENCY
for Special Needs and Inclusive Education

Biex issir taf aktar dwar l-Aġenzija u l-ħidma tagħha, żur:
**www.european-agency.org**
**© European Agency for Special Needs and Inclusive Education 2022**

**Ikkoffinanzjat mill-Unjoni Ewropea**

Iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea. Il-fehmiet u l-opinjonijiet espressi huma madankollu dawk tal-awtur(i) biss u mhux neċessarjament jirriflettu dawk tal-Unjoni Ewropea jew tal-Kummissjoni Ewropea. La l-Unjoni Ewropea u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jistgħu jinżammu responsabbli għalihom.